**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1045/2006 AF**

**Louis A. Cuschieri**

**vs**

**Alfred Cuschieri u Continental Purchasing Company Limited u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Mejju, 2009, il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Monica Cuschieri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Louis A Cuschieri li ġie ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2006, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrent flimkien ma' huh l-intimat Alfred Cuschieri kienu fin-negozju f'daqqa ezercitanti l-kummerc f'isimhom personali u permezz ta' zewg socjetajiet proprjetà fi kwoti daqs bejniethom, Contigen Insurance Agency Limited u s-socjetà intimata Continental Purchasing Company Limited.

Fis-sena 1995, l-ahwa Cuschieri ddecidew illi jitterminaw ir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom u ftiehmu illi l-assi kollha

tan-negozju jigu divizi ugwalment bejniethom. Dan il-ftehim gie redatt f'skrittura datata 14 ta' Settembru 1995.

Kif jidher mill-istess skrittura, ghalkemm ir-rikorrent gie assenjat l-ishma tal-kumpanija Contigen Insurance Agency Limited u l-intimat Alfred Cuschieri gie assenjat ishma tal-kumpanija Continental Purchasing Company Limited, ghar-ragunijiet u diffikultajiet prattici, bi qbil bejn l-ahwa ma kienitx saret id-divizjoni effettiva tal-assi kollha ta' bejniethom personali u tal-assi tal-imsemmija kumpaniji. Riserva ta' dan giet espressament inkluza fl-imsemmija skrittura ghalkemm fil-fatt qatt ma kien hemm dubju u ekwivoku bejn l-ahwa Cuschieri dwar il-fatt illi l-proprjetà kollha li kienet tezisti bejniethom qabel l-14 ta' Settembru 1995, kienet baqghet f'komproproprjetà bejniethom f'ishma indivizi ugwali bejniethom.

Il-proprjetà li ghadha tezizti in komun bejniet l-ahwa Cuschieri hija:

- il-Universal Press, 33 Msida Road, Gzira, mixtrija f'isimhom personali (ara kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond Dok. B).

- il-fond, 35, Villa Narcis, Msida Road, Gzira, originarjament akkwistat f'isem is-socjetà intimata Continental Purchasing Company Limited (ara kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond Dok. C).

- Il-makkinarju, ghamara u effetti ohra mobbli tal-istamperija Universal Press.

- Kollezzjoni ta' bolli. Din il-kollezzjoni hija fil-pussess tar-rikorrent u ma ghandu l-ebda oggezzjoni li din tigi diviza bejn il-partijiet fi kwoti indaqs.

Fost il-proprjetajiet immobbiljarji li kienu jifformaw parti mill-assi kummercjali ta' ahwa u li kienu baqghet ma gewx divizi sad-data tal-iskrittura kien hemm il-f0ond 35, Villa Narcis, Msida Road, Gzira. Dan il-fond kien originarjament inxtara mill-ahwa fuq is-socjetà taghhom, is-socjetà intimata

Continental Purchasing Company Limited u li skond il-ftehim ta’ bejn l-ahwa Cuschieri (ara paragrafu 3 hawn fuq) meta saret id-divizjoni ta’ bejniethom dawn il-proprjetajiet kellhom jibqghu registrati f’isem il-kumpanija intimata Continental Purchasing Company Limited sakemm ma ssir divizjoni finali jew jinbieghu l-proprjetajiet u jinqasmu l-flus bejniethom. Ghalhekk fit-terminologija tal-ligi vigenti, giet kostitwita “implied trust” fejn l-intimat Alfred Cuschieri u s-socjetà intimata kienu gew kostitwiti it-trustees tar-rikorrenti bir-responsabbilità li jzommu l-proprjetajiet in komuni bejn l-azzjonisti registrati f’isem il-kumpanija sakemm ma jigu mibjugha jew divizi.

Fil-frattemp l-intimati baqghu juzaw l-imsemmija fond mmobbiljari ghall-uzu kummercjali esklussiv taghhom, u dan minkejja li l-attur kemm-il darba ghamilha cara li huwa kien qed jippretendi kumpens ghal dan l-uzu.  Il-konvenuti interpellati biex ihallsu dan il-kumpens baqghu ma hallsux.

Recentement ir-rikorrent sar jaf ukoll illi l-intimati, ghal insaputa tieghu, kienu rregistraw ipoteka numru 9089 tas-sena 1998 fuq il-fond 35, Villa Narcis, Msida Road, Gizra (ara kopja tan-nota Ipoteki relattiva Doc. D), biex taghmel tajjeb ghal xi dejn kummercjali tas-socjetà intimata Continental Purchasing Limited mal-Bank of Valletta plc.  Dan l-agir tal-intimati huwa abbuziv u jikkostitwixxi ksur tal-obbligi taghhom ta’ fiducja bhala trustees u bi pregudizzju u dannu ghar-rikorrent.

Ghalkemm il-proprjetà hija facilment divisibbli baqa’ qatt ma ntlahaq ftehim fuq divizjoni u ghalhekk qed isiru dawn il-proceduri ghad-divizjoni tal-assi komuni bejnet l-ahwa Cuschieri.  Dawn il-proceduri qed isiru minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra in konnessjoni mal-iskrittura tal-14 ta’ Settembru 1995.

Intalbet din il-Qorti biex:

1) Tiddikjara illil-fond 35, Villa Narcis, Msida Road, Gzira mixtrija u registrat f’isem is-socjetà intimata Continental Purchasing Company Limited hija fil-fatt proprjetà in komuni bejn ir-rikorrent Louis Cuschieri u l-intimat Alfred Cuschieri stante li wara d-divizjoni ta’ bejn l-ahwa

Cuschieri din il-proprjetà kienet baqghet fil-pussess legali u fiziku tas-socjetà intimata Continental Purchasing Company Limited biss "in trust", ossia bi ftehim ta' fiducja, sakemm ma ssir divizjoni ta' proprjetà immobiljari komuni bejn l-ahwa Cushcieri.

2) Tordna d-divizjoni tal-proprjetajiet immobiljari li ghadhom in komuni bejniethom fi kwoti indaqs u cioè il-Universal Press, 33, Msida Road, Gzira u 35, Villa Narcis, Msida Road, Gzira, u dan jekk hemm bzonn wara li jsiru dawk il-modifiki strutturali fil-fondi sabiex jirrendu dawn il-fondi facilment divisibbli u dan permezz ta' periti nominandi, u f'dan il-kaz tinnomina nutar pubbliku u tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u tinnomina ukoll kuraturi ghal eventwali kontumaci: f'kaz li dawn il-fondi mhumiex komodament divizibli tordna il-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmija fondi u l-qsim tar-rikavat bejn il-partijiet skond ir-rispettivi sehem taghhom bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

3) Tordna d-divizjoni tal-effetti mobili kollha li ghadhom in komuni bejniet ir-rikorrent Louis Cuschieri u l-intimat Alfred Cuschieri, inkluz il-makkinarju, ghamara u effetti ohra mobbli tal-istamperija Universal Press, u l-kollezzjoni ta' bolli okkorendo b'opera ta' periti nominandi.

4) Tordna lis-socjetà intimata Continental Purchasing Company Limited sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, thassar u tikkancella l-ipoteka numru 9089 tas-sena 1998 u kwalunkwe ipoteka ohra li jista' jkun hemm registrata fuq il-fond 35, Villa Narcis, Msida Road, Gzira, stante illi din qatt ma kellha dritt tipoteka dan il-fond stante illi ma kienx proprjetà taghha, u fin-nuqqas tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent u tordna lis-socjetà intimata thallas dawn id-danni hekk likwidati.

5) Tillikwida l-kumpens xieraq dovut lill-attur ghall-uzu kummercjali tal-imsemmija fondi komuni 33, Msida Road, Gizra; 35, Msida Road, Gzira u l-warehouse Hal Qormi, u, tordna lill-konvenut Alfred Cuschieri jhallas lill-attur

kumpens hekk stabbiliet.

Bl-ispejjez kontra intimati ingunti in subizzjoni.

B'riserva ghall-proceduri ohra in konnessjoni mal-iskrittura tal-14 ta' Settembru 1995 u ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Alfred Cuschieri u Continental Purchasing Company Ltd li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2006 fejn esponew illi:

It-talbiet tar-rikorrenti, skond kif ahjar sejjer jinghad hawn that, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

L-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija insostenibbli billi l-partijiet kienu ftehmu illi "it is agreed thany any disputes between the parties on the division of any of the assets belonging to the group should be referred to the arbitrators whose decision will be accepted as final and binding on all parties". Ghalhekk bir-rispett kollu din il-Qorti hija esawtorata milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti.

In subsidium u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti, kif proposti, huma insostenibbli.

Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi l-gudizzju mhux integru billi l-proprjetarji tal-fond 33, Msida Road, Gzira huma r-rikorrenti u uliedu, li wirtu sehem ommhom mill-istess. Inoltre similment l-intimati proprio messhom kienu Alfred Cuschieri u martu u mhux biss hu wahdu.

Sussidjarjament illi mhux minnu dak premess u cioè illi l-partijiet kienu fin-negozju f'daqqa ezercenti il-kummerc f'isimhom proprio. Il-partijiet dejjem esercitaw il-kummerc f'isem socjetajiet kummercjali u cioè z-zewg socjetajiet imsemmija fir-rikors. Iz-zewg socjetajiet minn dejjem kellhom u ghandhom is-sede kummercjali f'postijiet differenti u cioè b'dik intimata fil-fond 35, Msida Street, Gzira u s-socjetà l-ohra f'Melita Street, Valletta.

Huwa minnu illi l-partijiet iffirmaw l-iskrittura privata tal-14 ta' Settembru 1995 u ftehmu dak li hemm imnizzel fl-istess skrittura. Il-ftehim kien jikkontempla illi l-assi li kienu jesisitu jigu stmati u jinqasmu ugwalment bejniethom. Fir-realtà però, l-partijiet kellhom proprjetà ohra bejniethom li giet mibjugha mis-socjetà intimata, u r-rikavat nett gie diviz bejn il-partijiet. Dwar dan ir-rikorrenti prova jaghmel minn kollox biex iwaqqaf it-trasferiment u sahansitra anke ipprezenta zewg mandati ta' inibizzjoni, li gew michuda minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, izda wara accetta u sarraf il-pagament ta dak li kien jispetta lilu.

Ir-rikorrenti gie diversi drabi invitat biex jghid xi jrid li isir mill-imsemmija proprjetajiet u invitat biex issir il-qasma effettiva ghazel li ma ghamel xejn. Ir-rikorrenti ghazel il-linja li joqghod passiv kompletament u ma jaghmel xejn ghajr li jippretendi certi drittijiet li ma ghandux. Sahansitra il-partijiet, separatament, kien qabbdu il-konsulent tekniku taghhom sabiex jaghti l-istima tieghu ta' kull proprjetà u l-esponenti invita lir-rikorrenti sabiex jaghzel liema mill-proprjetajiet irid jiehu ghalih, u ciononostante huwa ghazel li ma jaghmel xejn u jibqa' passiv sakemm istitwixxa dawn il-proceduri.

Kien ir-rikorrenti li meta irrizenja minn direttur tas-socjetà intimata waqaf, pendenti il-qasma effettiva tal-proprjetajiet rimanenti bejn il-partijiet, milli jibqa' jattendi fil-fond 35, Msida Road, Gzira u kien jattendi ghal bzonnijiet tieghu minn hemm. Huwa ma accettax tali proposta li saritlu, anke bil-miktub u baqa' passiv u inerti. Jigi enfasizzat li huwa qatt ma gie imkecci mill-fond 35, Msida Street, Gzira jew projbit milli jattendi. Anzi huwa gie infurmat u invitat illi seta' jaghmel dan, kif, x'inhi u meta ried izda baqa' qatt ma attenda lura fl-istess ufficcju.

Huwa minnu illi s-socjetà esponenti irregistrat fuq wahda mill-proprjetajiet taghha ipoteka numru 9089/1998 fuq il-fond 35, Msida Road, Gzira – din kellha kull dritt li taghmlu, billi l-proprjetà hija legalment tas-socjetà esponenti. B'hekk l-esponenti proprio ma kiser ebda obbligu ta' fiducja u ma sar ebda pregudizzju u dannu lir-rikorrenti, kif qed jippretendi l-istess rikorrenti. Il-proprjetà in kwistjoni hija legalment tas-

socjetà esponenti, mixtrija bi flus tas-socjetà u hemm biss il-qbil bejn il-kontendenti illi, nonostante li l-proprjetà hija mixtrija mis-socjetà intimata, ir-rikavat minnha, meta tinbiegh, jinqasam bejn il-partijiet fil-kwalità taghhom personali. Hekk ftehmu il-partijiet fl-imsemmija skrittura privata redatta mill-arbitri minnhom maghzula, anke jekk legalment, bir-rispett kollu, ma tantx taghmel sens.

Mhux minnu illi l-proprjetà 35, Msida Road, Gzira baqghet fil-pussess legali u fiziku tas-socjetà esponenti u, meta ddecidew li jisseparaw, l-azzjonisti qablu li l-istess tigi valutata u eventwalment diviza flimkien ma' proprjetà ohra li tezisti. Tali ftehim ma kienx jikkostitwixxi xiri in trust, kif allegat, u dan mhux biss ghax tali istituzzjoni legali, dak iz-zmien li sar il-kuntratt, ma kienitx tezisti imma wkoll ghax legalment kienet inkoncepibbli li seta' inxtara il-fond f'isem is-socjetà intimata izda tkun legalment tappartjeni lill-partijiet. Fil-mument meta inxtrat il-proprjetà din inxtrat mis-socjetà esponenti u l-azzjonisti taghha qatt ma kellhom f'rashom li sejrin jinfirdu b'mod li kulhadd imur ghal rasu u kwindi ma jistax jinghad li l-proprjetà inxtrat in trust, kif allegat mir-rikorrenti. Kien biss diversi snin wara, u cioè meta l-azzjonisti iddecidew li jmorru ghal rashom, li dawn ftehmu illi l-proprjetà ghandha tinqasam bejneithom. Kien biss f'dan il-mument illi l-azzjonisti ftehmu wkoll illi jekk u meta tigi mibjugha l-proprjetà in kwistjoni, ir-rikavat imur ugwalment favur il-partijiet f'isimhom proprio u jekk tigi diviza il-proprjetà bejn il-kontendenti, allura r-rikorrenti kellu jircevi nofs il-valur taghha.

L-esponenti, tenut kont a dak kontemplat fil-ftehim fuq riferit, qatt ma sab u ghadu ma jsibx oggezzjoni li l-proprjetajiet 33 u 35, Msida Road, Gzira jigu mibjugha bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji u li r-rikavat jigi maqsum bejn il-kontendenti fil-kwalità taghhom personali.

Similment l-esponenti ma jsib ebda oggezzjoni ghat-tielet talba tar-rikorrenti.

L-esponenti joggezzjonaw ghar-raba talba tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma ghandu ebda dritt li jaghmilha fit-termini li saret. L-esponenti però jiddikjaraw li huma lesti li jikkancellaw

l-imsemmija ipoteka, jekk l-imsemmija proprjetà ipotekata tigi assenjata lir-rikorrenti u jew meta l-istess proprjetà tigi mibjugha lil terzi persuni.

Jinghad illi fl-imsemmi ftehim ir-rikorrenti ma irriserva ebda drittijet fuq l-uzu tal-imsemmija proprjetà, pendenti il-qasma u lanqas ma irriserva xi dritt ta' kumpens dwar l-istess. Fil-fatt ma huwa dovut ebda kumpens lir-rikorrenti ghall-uzu kummercjali tal-imsemmija fondi stante li s-socjetà esponenti ezercitat dritt taghha li tokkupa u taghmel uzu mill-imsemmija fondi, proprjetà taghha. Kif fuq già espost, ir-rikorrenti, ex gratia, inghata il-possibbilità li jaghmel uzu mill-imsemmija fondi, pendenti il-qasma, u kien hu li ma usufruwiex ruhu mill-istess proprjetajiet anke meta kien gie invitat mill-esponenti biex jaghmel hekk, flimkien ma l-intimati.

Rat id-dokumenti prodotti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat illi t-tieni eċċezzjoni tal-intimati taqra hekk:

> *"Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija insostenibbli billi l-partijiet kienu ftehmu illi 'it is agreed that any disputes between the parties on the division of any of the assets belonging to the group should be referred to the arbitrators whose decision will be accepted as final and binding on all parties.' Għalhekk bir-rispett kollu din il-Qorti hija eżawtorata milli tiegħu aktar konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti."*

Jirrizulta illi r-rikorrent Louis A Cuschieri u l-intimat Alfred Cuschieri huma żewġt aħwa li kienu fin-negozju flimkien. Kellhom żewġ soċjetajiet: Contigen Insurance Agency Ltd u l-Continental Purchasing Company Ltd li kienu operati konġuntement. Kif jidher mill-iskrittura tal-14 ta' Settembru

1995 (Dok A[1]) l-aħwa Cuschieri iddeċidew li jitterminaw ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom b'mod li r-rikorrent Louis A Cuschieri jieħu l-Contigen Insurance Agency Ltd u l-intimat Alfred Cuschieri jieħu l-Continental Purchasing Company Ltd. It-trasferiment relattiv tal-ishma sar fuq valutazzjoni tal-assi li għamlu Mr Albert Muscat (Chairman), Mr Joe Demanuele u Mr Neville A Curmi (l-arbitri nominati mill-aħwa Cuschieri).

Fid-data li saret l-iskrittura kien hemm proprjetà in komuni bejn iż-żewġ soċjetajiet (proprjetà immobbli, kollezzjoni ta' bolli etc) li kienet għadha ma nqasmitx u f' dan ir-rigward ġie miftiehem li dawn kellhom jiġu vvalutati *tale quale* u maqsuma 50/50 bejniethom. Ftehmu li kellhom jitqabbdu esperti għal dan il-għan biex jivvalutaw l-imsemmija assi u l-valuri tagħhom imbagħad jiġu mgħoddija lill-arbitri "*who will approve/disapprove such division of assets, after consultation with the wishes of both parties*." Ftehmu wkoll li jekk jirriżultaw assi li ma ssemmewx fl-iskrittura, dawn kellhom ukoll jinqasmu bin-nofs bejn l-aħwa taħt id-direzzjoni tal-arbitri. Finalment (u din hija l-bażi tal-eċċezzjoni odjerna) ftehmu li f'każ ta' diżgwid bejn l-aħwa fir-rigward tad-diviżjoni tal-assi taż-żewġ kumpaniji, dan kellu jiġi riferit lill-arbitri u d-deċiżjoni tagħhom tiġi aċċettata bħala waħda finali u li torbot l-istess aħwa Cuschieri. Il-kwistjoni odjerna tirriwarda dawn l-assi in komuni.

L-attur esebixxa kopja ta' ittra legali datata 1 ta' Marzu 2006[2] indirizzata lill-arbitri imsemmija fl-iskrittura tal-1995 u cioè: Mr Albert Muscat, Mr Joseph Demanuele u Mr Neville Curmi. Fiha infurmahom li kienu inqalgħu "*various disputes*" bejn l-aħwa fir-rigward tad-diviżjoni tal-assi in komuni u għalhekk b'riferenza għall-isktess skrittura, u senjatament għall-aħħar klawsola dwar li f'każ ta' diżgwid il-kwistjoni kellha tiġi riferita lilhom, saqsihom "*whether you would be willing to carry out the arbitration contemplated in the above-mentioned private agreement. To finally conclude the long drawn out division between the brothers. If this is acceptable to you, we will forthwith call upon Mr Alfred Cuschieri to commence arbitration*

[1] Fol 5-6
[2] Dok 1, fol 109, ippreżentata 20.11.2013

*proceedings: if not, my client will proceed judicially."* (Ma jirriżultax mill-atti jekk din l-ittra fil-fatt ġietx notifikata lill-imsemmija arbitri.)

L-istess rikorrent fl-affidavit tiegħu[3] spjega li barra li kien kiteb lill-arbitri permezz tal-avukat tiegħu, "*jiena ukoll kellimt lil ħija Alfred, konvenut f' din il-kawża, biex immorru arbitraġġ. Però jiena bqajt ma smajt xejn, la mingħandu u lanqas mingħand l-arbitri li semmejt fuq u għalhekk jiena ma kellix triq oħra ħlief li niftaħ il-kawża."*

L-intimati da parti tagħhom la għamlu kontro-eżami u lanqas ma ressqu xi prova kontrarja fir-rigward ta' din il-verżjoni tal-attur. Huma però f'dawn il-proċeduri quddiem din il-qorti isostnu li ġialadarba fl-1995 kien sar ftehim biex l-aħwa Cuschieri jevitaw il-qorti u jirrisolvu l-problemi ta' bejniethom tramite arbitraġġ, it-tieni eċċezzjoni tagħhom għandha tintlaqa' għaliex altrimenti l-*idem placitum consensus* tal-aħwa Cuschieri fil-mument li iffirmaw il-ftehim ta' bejniethom, jiġi stultifikat.

L-attur Louis Cuschieri però isostni li l-passività tal-intimati u l-fatt li minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tiegħu anke permezz ta' ittri uffiċċjali li ġew injorati minnhom, għandu jitqies bħala rinunzja da parti tagħhom għall-klawsola tal-arbitraġġ.

## Il-pożizzjoni legali dwar il-klawsoli tal-arbitraġġ

Il-Qorti kkunsidrat illi l-linja li kienu jieħdu l-qrati nostrana anterjorment għall-emendi introdotti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili (Att XXIV tal-1995) kienet li jammettu l-validità tal-klawsola arbitrali li tiġi stipulata bejn il-kontraenti u li tneħħi l-ġuridizzjoni tagħhom, u dan abbażi tal-prinċipju li dak li jifthemu l-partijiet bejniethom għandu s-saħħa ta' liġi.

Fil-kawża "Joseph Laferla nomine vs Salvino Mizzi nomine" deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1964, ġie ritenut li:

---

[3] Dok L1, fol 115, ippreżentata fit-23.01.2014

*"…l-Qrati tagħna ammettew il-validità ta' klawsola arbitrali, li tista' tiġi stipulata anke biex l-esekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet eżistenti bejn il-kontraenti tiġi sottratta mill-ġurisdizzjoni tat-tribunali, "…la condizione che rimette, per volontà dei contraenti la decisione di ogni loro differenza…sottraendola ai tribunali ordinarii, e` valida" (Kollez XXV. I.1071; XXVIII.I.647; XXXIII.III.509) u għalhekk la dana l-patt huwa validu, dina l-qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex l-attur nomine ma joqgħodx għalih, salvo dak li sejjer jingħad aktar 'l isfel dwar il-mod li dana l-patt jista' jiġi inforzat…."*

Fil-kawża "Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-13 ta' Ottubru 1989 ġie ritenut illi:

*"Kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida u dan in omaġġ għall-volontà libera tal-partijiet."*

Bl-emendi li saru fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-Att XXIV tal-1995 hu issa provdut fl-Artikolu 742(3) illi:

*"Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonjiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva."*

Dan ġie interpretat mill-qrati tagħna li jfisser li huma għandhom il-ġurisdizzjoni li jissindikaw l-applikazzjoni tal-esekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali.

Fil-każ "George Xuereb vs Accountant General et", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 1997 enunċjat illi bl-Artikolu 742(3):

*"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tiġi reża bla effett bis-sempliċi rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser però li din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni oriġinali u "overriding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-esekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."* (enfasi ta' din il-qorti)

Fil-kawża "George Camilleri vs Hugh P Zammit", deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 1998 ġie spjegat illi:

*"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jiġi assigurat li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza ċivili ma tkunx eskluża mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistgħu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitraġġ, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proċeduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilità tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Ċivili li jkollhom il-ġurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jiġu mħaddma u dana billi jkollhom il-poter li jagħmlu tajjeb u jagħtu direttivi fil-każ li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jiġu proċeduralment imħaddma fil-prattika."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2004 fil-kawża "Joseph Micallef et vs Jovin Rausi nomine", b'riferenza għal din l-interpretazzjoni li bdew jagħtu l-qrati osservat li l-klawsola arbitrali mertu tal-każ li kellha quddiemha kienet operattiva "*fejn tapplika*".

*"…tqajmet kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni u din raġonevolament tirrientra żgur fil-parametri tat-tielet eċċezzjoni riferibbilment għas-sollevar tal-klawsola arbitrali. Klawsola din li fuq il-ġurisprudenza affermata hi valida għax voluta miż-żewġ kontraenti, u għalhekk*

*għandha tibqa' rispettata. Hu l-każ għalhekk illi in kontemplazzjoni ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsola 18 tal-kuntratt tal-assikurazzjoni tali materja tiġi minnhom differita lill-arbitru, jew arbitri, skont il-każ, għall-konsiderazzjoni u ġudizzju opportun."*

Il-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet "Ignatius Gatt vs Franco Facchetti et" ikkunsidrat sitwazzjoni fejn minkejja l-klawsola arbtirali, l-konvenuti wrew passività prolungata fir-rigward u kkonkludiet li din kienet tammonta għal rinunzja taċita. (Il-klawsola arbitrali kienet fis-sens li f' każ ta' diżgwid mingħajr ma jintlaħaq ftehim, kull parti kellha d-dritt u l-obbligu li tirreferi l-kwistjoni lil arbitru). Il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Fi kliem ieħor, iż-żewġ partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfaċċa d-diżgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-arbitru mingħajr dewmien. Huwa prinċipju sagrosant tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-buona fidi. Din il-qorti hi tal-fehma li mhux permess għall-konvenuti li issa jinvokaw l-eżekuzzjoni tal-klawsola arbitrali f' din il-kawża meta wrew passività prolungata tagħhom, kienu wrew biċ-ċar li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq tal-arbitraġġ. Irriżulta li bl-imsemmija ittra uffiċjali (ara para 7 supra) l-attur kien ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma kienx dispost li jissottometti ruħu għal arbitraġġ kondott minn persuni li jissemmew fil-klawsola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruħhom. Din il-qorti hija sodisfatta li, ladarba l-konvenuti ma kkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jagħmlu, allura wieħed raġonevolment għandu jasal għall-konklużjoni li huma ġew li aċċettaw il-pożizzjoni li ħa l-attur fil-konfront tal-klawsola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw taċitament għall-effetti tal-istess klawsola."*

L-istess qorti kkunsidrat ukoll li t-triq tal-arbitraġġ "*ma kinitx ser toffri soluzzjoni prattika jew integrali"* lill-kontendenti u li x' aktarx kien ser ikollhom jadixxu l-qrati ordinarji biex isolvu l-

vertenza. Ikkummentat fost affarijiet oħra li l-kawża x' aktarx li kienet teżorbita mill-ġurisdizzjoni prevista tal-arbitru. Għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni fir-rigward u ddikjarat li l-ewwel qorti kellha l-ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna.

Fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2005, il-Qorti tal-Appell f'"Calibre Industries Ltd vs Muscat Motors Ltd" irriteniet:

> *"…huwa minnu li rinunzja għall-klawsola arbitrali, bħal kull parti tal-ftehim li jkunu kkonkordaw il-partijiet, trid tkun ċara u inekwivoka, biss din il-Qorti jidhrilha li tali rinunzja mhux neċessarjament tkun espressa iżda tista' tkun anke taċita u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif hawn fuq espost, jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tonora l-obbligi assunti fil-klawsola 53 tal-kuntratt ta' appalt."*

Applikat dan l-insenjament għall-każ in kwistjoni, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Il-klawsola arbitrali in kwistjoni tipprovdi li f'każ ta' diżgwid bejn l-aħwa Cuschieri (il-kontraenti) dwar il-qsim tal-assi ta' Contingen Insurance Agency Ltd u Continental Purchasing Co Ltd l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitri.

Id-diżgwid bejn l-aħwa fir-rigward ta' tali assi fil-fatt immaterjalizza u r-rikorrent jgħid li minkejja li hu kien irsista biex hu u ħuh imorru arbitraġġ ħuh baqa' passiv għall-aħħar.

L-intimati ma jiċħdux li r-rikorrent ipprova jagħmel ħiltu biex imorru arbitraġġ u lanqas ma ressqu prova kontrarja - iżda f' dawn il-proċeduri quddiem din il-qorti huma sempliċiment jistrieħu fuq il-klawsola ta' arbitraġġ u jsostnu li jekk it-tieni eċċezzjoni tagħhom ma tintlaqax, l-*idem placitum consensus* tagħhom fil-mument li ġie ffirmat il-ftehim jiġi stultifikat.

Ir-rikorrent isostni li l-passività tal-intimati għandha titqies bħala rinunzja għall-klawsola tal-arbitraġġ.

Din il-qorti fil-fatt taqbel mal-argument tiegħu (kif magħmul

fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu) illi l-klawsola tal-arbitraġġ "*ma tistax tibqa' tiggalleġġja waħedha*". Wieħed ma jistax iħares lejn din il-klawsola "*in vacuo*" iżda jrid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Huwa pjuttost kontradittorju li l-istess intimati li dawn is-snin kollha jidher li qatt ma għamlu l-iċken tentattiv biex id-diżgwid dwar il-qsim tal-assi in komuni jiġi riferit lill-arbitri, issa jinvokaw il-klawsola arbitrali u jsostnu li din il-qorti m'għandhiex tieħu aktar konjizzjoni tat-talbiet. Fil-fehma ta' din il-qorti, għandu raġun ir-rikorrent isostni li l-aġir tagħhom jammonta għal rinunċja taċita tal-istess klawsola.

Jiġi osservat ukoll li t-talbiet tal-atturi ma jirrigwardawx biss id-diviżjoni tal-assi li għadhom in komuni iż-żewġ soċjetajiet (Contingen Insurance Agency Ltd u Contintental Purchasing Co Ltd) iżda wkoll talba sabiex tiġi mħassra ipoteka u kwalukwe ipoteka oħra li jista' jkun hemm reġistrata fuq il-fond 35, Villa Narcis, Msida Rd, Gżira, u li fin-nuqqas jiġu likwidati danni sofferti fir-rigward; u wkoll biex jiġi likwidat kumpens xieraq dovut lir-rikorrent għall-użu kummerċjali tal-fondi komuni u jiġi ordnat il-ħlas tal-kumpens stabbilit. Dawn it-talbiet imorru oltre l-ġurisdizzjoni prevista tal-arbitri skont il-klawsola arbitrali fl-iskrittura tal-1995. Għalhekk fi kwalunkwe każ, it-triq tal-arbitraġġ (fi kliem il-Qorti tal-Appell fil-kawża suċitata "Gatt vs Facchetti") *"ma kinitx ser toffri soluzzjoni prattika jew integrali".*

In vista ta' dan kollu din il-qorti qegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li hija għandha l–ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jitħallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG